A.L. 121 ta' l-1991

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI ("STOCK" U TITOLI REĠISTRATI) KAP. 161

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi, għall-Ħruġ ta' Lm500,000 3% Obbligazzjonijiet f'isem il-portatur 1996

(IR-RABA' ĦRUĠ)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(1)(b) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati) Kap. 161, il-Ministru tal-Finanzi awtorizza l-ħruġ ta' Lm500,000 3% Obbligazzjonijiet f'isem il-portatur 1996, (ir-Raba' Ħruġ) kif ġej:—

Mod tal-ħruġ ta' l-Obbligazzjonijiet

1. L-Obbligazzjonijiet jinħarġu f'multipli ta' Lm500 bil-prezz ta' Lm100 fil-mija. Xiri ta' Obbligazzjonijiet jista' jsir mid-9.00 a.m. ta' nhar it-Tnejn 5 ta' Awissu, 1991 sa nofs-in-nhar ta' nhar is-Sibt, 17 ta' Awissu, 1991 jew qabel fid-diskrezzjoni ta' l-*Accountant General*.

Somma ta' flus li għandha tingħabar

2. Is-somma ta' flus li għandha tingħabar bl-Obbligazzjonijiet f'isem il-portatur tkun ta' Lm500,000.

Rata ta' imgħax u dati tal-ħlas.

3. L-imgħax għandu jitħallas b'lura kull sena fis-17 ta' Awissu ta' kull sena matul il-kors ta' l-Obbligazzjoni. L-ewwel ħlas ta' Lm3.00,0 kull Lm100 Obbligazzjoni relattivament għall-perijodu bejn it-18 ta' Awissu, 1991 u s-17 ta' Awissu, 1992, għandu jsir fis-17 ta' Awissu, 1992.

Rata ta' kontribuzzjoni għall-ammortizzament.

4. Approprjazzjoni kull sitt xhur ta' mhux anqas minn Lm5,000 mid-dħul ġenerali u mill-attiv tal-Gvern ta' Malta għandha ssir bħala kontribuzzjoni għall-fond ta' ammortizzament sabiex jifdi l-Obbligazzjonijiet. L-ewwel kontribuzzjoni għandha ssir fi żmien tliet snin mit-18 ta' Awissu, 1991.

Fidwa ta' Obbligazzjonijiet.

5. L-Obbligazzjonijiet għandhom jiġu mifdija b'parita' fis-17 ta' Awissu, 1996 kif stabbilit mill-*Accountant General* u avżat fil-Gazzetta. L-Obbligazzjonijiet jitħallsu biss mal-konsenja taċ-Ċertifikat ta' l-Obbligazzjoni maħruġa.